MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 827/2011

**Malcolm Pace Debono u martu Diane Pace Debono
I.D. 271571 (M) u 186273 (M) rispettivament**

**vs**

**Charmaine Vella
I.D. 102270 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi ddikjaraw illi permezz ta' ftehim lokatizju pattwit bejn il-kontendenti nhar it-28 ta' Settembru, 2009, ir-rikorrenti ikkoncedew b'titolu ta' kera lill-intimata l-fond "Euro Mansions', 50, Flat 10, University Road, Msida ghall-perjodu ta' sentejn, liema terminu, effettivament, beda jiddekorri mill-1 ta' Novembru, 2009 (kopja tal-kuntratt hawn annessa u markata bhala Dok. A);

Illi ai termini tat-tmien (8) klawsola tal-kuntratt surreferit, l-intimata assumiet l-obbligu illi thallas il-kontijiet kollha relatati mal-konsum tad-dawl u tal-ilma konnessi mal-uzu tal-istess fond;

Illi minkejja l-ezistenza ta' dan il-vinkolu, xorta wahda, ghazlet illi ma tonorax tali ftehim, bil-konsegewenza illi r-rikorrenti kellhom jissaldaw huma stess l-ammonti dovuti f'dan ir-rigward, u dan sabiex jimminimizzaw l-interessi talvolta dovuti fuq tali ammonti;

Illi, f'dan ir-rigward, huwa dovut l-ammont globali ta' tmien mija, tlieta u hamsin Ewro u sittax-il Ewro centezmi (€853.16) rapprezentanti l-konsum tas-servizzi utili surreferiti bejn l-1 ta' Novembru, 2009 u l-31 ta' Mejju, 2010 (vide l-fattura hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B), u dan wara illi r-rikorrenti naqqsu minn tali ammont is-somma ta' sebgha u sebghin Ewro u hamsa u tmenien centezmu (€77.85) rapprezentanti l-konsum ta' tali servizzi precedentement ghal-bidu tat-terminu pattwit ghall-kirja tal-fond surreferit u wara illi debitament approprijaw rwiehom mis-somma ta' hames mitt Ewro ( € 500) ai termini tas-seba' (7) klawsola tal-kuntratt surreferit;

Illi l-ammont reklamat jikkomprendi wkoll l-ammont ta' dsatax-il Ewro u sittin centezmu (€19.60) rapprezentanti l-valur tal-interessi pagabbli fuq l-ammont dovut, liema interessi saru dovuti in vista tal-pagament tardiv tar-rikorrenti, liema pagament sar talvolta necessarju unikament bhala konsegwenza tal-intransigenza tal-intimata;

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, kemm verbali u kemm bil-miktub, l-intimata baqghet inadempjenti ghat-talbiet ghall-hlas effettiv tal-ammont reklamat;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dan it-Tribunal joghgbu:

1. Jiddikjara illi l-intimata hija d-debitrici taghhom fl-ammont ta’ tmien mija u tlieta u hamsin Ewro u sittax-il centezmu (€853.16);
2. Jordna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrenti is-somma surreferita;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz kontra l-intimata illi hija ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, u deheret ghal seduta quddiem dan it-Tribunal, ma kkontestax il-kawza fit-terminu, u dan minkejja illi tali terminu gie estiz ghall-prezentata tar-risposta taghha, u dan kif jirrizulta mill-verbal tal-20 ta’ Jannar, 2012.

It-Tribunal semgha d-deposizzjoni li nghatat mill-attur, u ra d-dokument li gie pprezentat minnu, u mmarkat bhala Dok. X.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ tmien mija tlieta u hamsin Ewro u sittax il-centezmu (€853.16), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------